# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 11 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 289/2015 CSH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2044/15 fl-ismijiet:**

**Paul Caruana**

**vs**

**Marc Spiteri u Fresh Limited (C 54012)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Marc Spiteri u Fresh Limited (C 54012) ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2015 fejn esponew:

*"Illi l-mandat ta' sekwestru huwa palezament irritu u malizzjuz stante illi fl-ewwel lok Paul Caruana la ma hu kreditur u lanqas ghandu xi jedd fuq il-fond jew il-kirja. Di fatti wara talba ghal emenda tal-kuntratt ta' kiri (Dok. 1 hawn anness) u liema talba giet debitament notifikata lil Paul Caruana b'ittra registrata, gie fis-sehh kuntratt gdid ta' kera iffirmat nhar l-1 ta' Lulju 2015 b'effett mill-istess jum. Ghalhekk fil-perjodu reklamat fil-mandat ta' sekwestru (1 ta' Settembru 2015 sat-30 ta' Novembru 2015)*

*Paul Caruana ma huwiex parti u ma ghandu ebda dritt jippercepixxi ebda pagament. Ghalhekk dan il-mandat inhareg malizzjozament;*

*Illi l-mandat ta' sekwestru huwa irritu, frivolu u vessatorju fil-konfront ta' Marc Spiteri personalment peress illi l-esponenti ma humiex il-legittimu kontradittur u dan minhabba illi ai termini tal-kuntratt ta' kiri datat 1 ta' Lulju, 2015 (kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. 2) il-kirja tal-fond mertu tal-mandat giet koncessa lil Fresh Limited u mhux lil Marc Spiteri personalment. Isegwi ghalhekk illi dan il-mandat inhareg frivolozament u vessatorjament;*

*Illi l-mandat ta' sekwestru huwa wkoll frivolu u vessatorju fil-konfront ta' Fresh Limited stante illi l-kirja giet konkluza biss ma' Michael James Bennett f'isem il-kumpanija Lolaross Limited (C39185). Paul Caruana la ma hu s-sid u ma ghandu ebda jedd fuq il-kera. Dan huwa evidenti mill-qari tal-kuntratt ta' kera l-gdida;*

*Illi f'kull kaz il-kera kollha dovuta ghall-kera tal-fond mertu tal-mandat odjern thallas fl-intier tieghu (ara ricevuta Dok. 3 hawn anness);*

*Illi l-kawzali ghall-hrug tal-mandat huma wkoll skorretti u dan peress:*

a) *Skont l-imsemmi ftehim ta' kera Paul Caruana ma ghandu ebda dritt fuq il-kera jew li jippercepixxi xi kera;*
b) *Paul Caruana ma ghandu ebda titolu ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Huwa minnu li l-istess Caruana ttenta li jottjeni xi titolu u pprezenta ittra izda din QATT ma giet reza ezegwibbli jew kanonizzata u dan peress illi fit-terminu prefiss mil-ligi l-istess ittra giet opposta (ara Dok. 4 hawn annessa).*

*Illi ghalhekk it-talba ta' l-intimat Paul Caruana hija wahda manifestament malizzjuza, frivola u vessatorja u dan ai termini ta' l-artikolu 836(8) (b), (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghalhekk ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha (i) tirrevoka Contrario Imperio il-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 2033/09 u (ii) tordna u tikkundanna lill-intimata thallas penali ta' bejn €1164.69 (Lm500) u €6988.12 (Lm3000) ai termini tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12, apparti danni kif kontemplati fis-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li qed jigu espressament rizervati, u dan ikollu taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat Paul Caruana."*

Rat illi l-intimat Paul Caruana kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Carmen Cutajar datata 22 ta' Ottubru 2015 (fol. 14 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 l-intimat gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba rikorrenti.

Rat illi Dr. Stefano Filetti ghan-nom tar-rikorrenti pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-intimat dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 l-intimat ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi rikorrenti.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jinsisti fuq it-talba tieghu, tiddeciedi li tilqa' t-talba**

**rikorrenti u ghalhekk qieghda prezenjalment tirrevoka *contrario imperio* il-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 2033/09 u ghalhekk qieghda tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti penali ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centesmu (€1,164.69) ai termini tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' qieghda tichad it-talba kif kontemplata fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u dan peress illi r-rikorrenti ma pprovawx id-danni li huma sofrew minhabba il-hrug ta' tali mandat fuq imsemmi.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**